MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2008

Numru 686/2008

Il-Pulizija
(Sp Trevor Micallef)
vs
Jacqueline Rapinett, bint Carmelo, imwielda Pieta' fil-25 ta' Novembru, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f'dawn il-Gżejjer, ġewwa l-bajja magħrufa bħala Mercanti Beach Club Hilton, San Ġiljan u/jew fil-viċinanżi:
1. fil-31 ta' Lulju, 2008, għal habta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar ikkomettiet serq ta' basket li kien fih telefon ċellulari tal-marka Sony Ericcson, Ipod tal-marka Apple, €180 u Stg120 fi flus kontanti u oġġetti oħra, għal valur komplessiv li jeċċedi €233, iżda anqas minn €2,330 għad-

dannu ta' Christopher Miller, liema serq hu kkwalifikat bil-valur;
2. talli fl-istess lok u ċirkostanżi, fil-31 ta' Lulju, 2008, għal habta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar, ikkomettiet serq ta' basket li kien fih telefon ċellulari tal-marka Nokia, Ipod tal-marka Apple, għal valur komplessiv li jeċċedi €233, iżda anqas minn €2,330 għad-dannu ta' persuni mhux magħrufa, liema serq hu kkwalifkat bil-valur;
3. talli fl-istess lok u ċirkostanżi fil-ġranet tal-14 ta' Lulju, 2008 u il-15 ta' Lulju, 2008 b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, magħmula b'risoluzzjoni waħda u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, ikkomettiet serq ta' diversi basktijiet li kien fihom cameras tar-ritratti u telefons ċellulari għal valur komplessiv li jeċċedi €233, iżda anqas minn €2,330 għad-dannu ta' diversi nies mhux magħrufa;
4. talli saret reċidiva b'diversi sentenżi tal-Qorti ta' Malta;
5. tali kisret Ordni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-11 ta' lulju, 2008.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2008 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lill-Avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat
l-artikoli 17(b), 49, 50, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21
tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannaha għal piena ta' sena priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino biex jagħti l-għajnuna meħtieġa biex Jacqueline Rapinett telgħeb il-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------